# *Leħen is-Soċjetà Mużikali*
# San Lawrenz
*Belt Vittoriosa A.D. 1883*



**#ilbandatalbirgu**

**Ħarġa Nru. 143** **MARZU 2026**

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com



Olde City Pub

## Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Ħamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

N your events & weddings caterer

SALES@NERIKU.COM 2166 0505



# Il-Kelma tal-President

*Bjorn Callus*



Qiegħed nikteb dan l-artiklu fi żmien mhux mill-isbaħ. Żmien fejn id-dinja qed tara tiżvolġi kunflitt li jista' jikber għal gwerra reġjonali, u nittamaw mhux globali. Żmien fejn suppost qed nagħmlu ftit eżami tal-kuxjenza waqt ir-Randan imqaddes. Żgur li dawn iż-żewġ affarijiet ma jmorrux flimkien, anzi huma kontradittorji. Madanakollu, iċ-ċirku lokali tagħna jkompli għaddej u mnalla jkun hekk, għaliex dan li verament iġibilna l-pożittività fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

L-ewwel nett xtaqt nibda billi nirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwew u taw id-donazzjoni tagħhom lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz f'dan l-ewwel arbular ta' nofs is-sena. Ir-rispons kien wieħed pożittiv li jkompli jimlina bil-kuraġġ quddiem id-deċiżjoni ambizzjuża li s-Soċjetà Mużikali San Lawrenz terfa' l-piż tas-servizzi kollha tal-festa u issa anke dawk tal-Marċ tal-Mota u tal-Għada tal-Festa. Dan għamilnih għaliex fhimna l-importanza tal-proġett tal-maħżen tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, iżda fuq kollox għamilnih għaliex l-imħabba u l-impenn tas-Soċjetà lejn il-Festa ta' San Lawrenz hi bla qies.

Fl-istess ħin, inħarsu lejn il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, fejn is-sehem tal-banda hu kruċjali sabiex jiġu ċċelebrati dawn il-festi. U hawnhekk fejn nemmen li forsi s-sehem tal-banda mhux apprezzat, anzi saħansitra jittieħed for granted. Irrid ngħid kif dawn iż-żewġ servizzi jiswew daqs l-aqwa żewġ servizzi fil-festa ta' San Lawrenz, li bla dubju jagħmlu lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz l-ikbar kontributur f'dawn il-festi, minkejja li l-Parroċċa tħallas parti żgħira minn din in-nefqa. Qiegħed ngħid dan għaliex tajjeb li kulħadd ikun jaf l-istampa kif inhi, filwaqt li nerġa' ntenni għal darb' oħra l-impenn totali sabiex dejjem nibqgħu nonoraw dawn il-festi bl-aqwa mod.

U iva, għalhekk l-ispejjeż jitilgħu, għax il-kumitat tas-Soċjetà jemmen li l-Banda Vittoriosana San Lawrenz għandha tkun tajba u armata kulfejn qed iddoqq, għaliex wara kollox qed inġorru isem il-Birgu dejjem. U filwaqt li hu fatt li ħadd ma jista' jinnegah li l-ispejjeż tal-bandisti żdiedu sew, is-Soċjetà tinvesti fil-banda wkoll ħalli r-riżultati jkomplu ġejjin. Għaldaqstant, nistieden lid-dilettanti Vittoriosani biex nhar il-Ġimgħa l-Kbira jkunu magħna fil-pjazza għall-programm ta' marċi funebri mill-aqwa qabel naqbdu t-triq tal-purċissjoni.

Ix-xogħol fil-każin kompla għaddej b'mod normali u b'ritmu tajjeb, u marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa, bi kburija u sodisfazzjon kien is-sehem tas-Soċjetà fl-attività Kwareżima fil-Palazz tal-President tar-Repubblika ġewwa Verdala. Waqt din il-wirja, ħadna sehem bil-Ġetsemani, fejn f'post prominenti setgħet titgawda mill-eluf ta' Maltin u Għawdxin li żaruha. Barra minn hekk, matul dan il-perjodu nedejna wkoll policy ġdida lill-bandisti u allievi tas-Soċjetà. Din il-policy għandha l-għan li taġġorna lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fir-relazzjoni tagħha mal-bandisti u allievi tal-post għar-realtà preżenti fejn dawn kollha jammontaw għal kważi 50 ruħ. Fl-istess waqt, din il-policy hi l-garanzija ta' kif is-Soċjetà ser tkompli toffri s-servizzi mill-aqwa fil-Vittoriosa Kids Music Centre kif ukoll kif ser tkompli żżomm lill-bandisti tal-post fiċ-ċentru ta' ħidmietha.

Qed naħdmu wkoll fuq inawgurazzjoni partikolari għall-festa ta' San Lawrenz, kif ukoll la darba jgħaddu l-festi tal-Għid, jibda l-proġett ta' rinovar tal-art fil-kamra tal-kumitat sas-Sala tal-Kunċerti, liema proġett qed ikun iffinanzjat mill-Community Development and Innovation Scheme mmexxija mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ. Riċerka u Innovazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni.

Bi kburija ngħidu wkoll li għal darb' oħra. Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ser tkun qed tibbenefika mill-fondi taħt l-iskema; It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Baned, liema skema hi ffinanzjata mill-Aġenzija Żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Dawn l-iskemi u oħrajn li applikajna għalihom u għadna qed nistennew ir-riżultat huma kruċjali sabiex għaqdiet volontarji jkunu jistgħu jagħmlu proġetti u jtejbu l-operat tagħhom.

Flimkien ma' dan, dejjem għaddej xogħol ta' manutenzjoni u fuq kollox preparamenti biex iżjed tard din is-sena nibdew nimplimentaw il-proġett massiċċ tal-bini ta' strutturi fuq il-bejt sabiex iservu ta' toilets u l-bokka tal-lift, u l-installazzjoni tal-lift. Verament inħares 'il quddiem li nara din il-ħolma ssir realtà, partikularment wara t-torturi kollha li ħadna sabiex wasalna għall-permess.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nappella lill-Vittoriosani sabiex flimkien nipparteċipaw fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-Parroċċa, kif ukoll nippopolaw il-purċissjonijiet mill-isbaħ li għandna, mill-purċissjoni s-sewda sa dik tal-Għid il-Kbir. B'dan il-mod inkunu qed nuru l-appoġġ tagħna lill-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira tax-xogħol kbir li tagħmel, u anke lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz tal-impenn mużikali importanti fil-kalendarju tagħha. L-Għid it-tajjeb u tislijiet.

## Werrej

Il-Kelma tal-President....................p.3
San Ġużepp..................................p. 5
Il-Ġrajja tal-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa..........................p. 6
Louis Vierne................................p. 11
Wiċċ Imbwiċċ ma' Ilona Callus..................................p.13

***Editur***
Adrian Vella

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia

**Proof Reading**
Adrian Vella

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb
Pierre Balzia

**Ritratt Faċċata**



*Parti mill-Ġetsemani, propjetà tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, armata fil-Palazz Verdala fl-okkażjoni tal-wirja bl-isem "Kwareżima – Arti, Kult u Tradizzjoni". Il-Ġetsemani tintrama ta' kull sena għall-wiri fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Palazzo Huesca.*

**Stampat**

BONNICI'S PRESS Est. 1924

36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com

MIRACLE FOODS

# MAKE IT A SIZZLING SUMMER



# San Ġużepp



***Minn Patri Martin Mamo OFMCap.***

Ma kienx missieru, safrattant Alla fdah b'misteru hekk kbir u profond; Ibnu l-għażiż. Din hija verità li tidħol fil-ġewwieni ta' qalbna bħala nsara. Kultant biċċa xogħol serja u importanti ma tingħatx lil xi persuna li jkun verament ħaqqha dan ir-rwol, imma tingħata lil persuna li tafdaha ħafna.

Illum irrid inkellimkom fuq San Ġużepp b'mod mill-aktar differenti. Mhux se nkellimkom fuq xi aspett mill-ħajja tiegħu li ssoltu nitkellmu dwaru imma fuq dak li hu aktar reali u konkret. Se nkellimkom fuq dak li fl-Evanġelju ma jlissinx kelma waħda, imma madankollu kellu jġorr id-dinja kollha fuq spallejh. Se neħodkom f'xena partikulari tal-Milied li mill-ewwel tagħtina idea aktar nobbli ta' xi tfisser tkun missier.

Dak li se ngħidilkom huwa meħud minn viżjoni li kellha s-serva t'Alla Luisa Picaretta. Dan mhux Evanġelju imma viżjoni mistika li ġġegħilna nikkontemplaw aktar fil-fond.

Fil-lejl li twieled Ġesù, Ġużeppi ma kienx l-eroj li solva l-problemi kollha li ltaqa' magħhom flimkien ma' Marija f'dak il-lejl. Huwa kien ir-raġel li wettaq xi ħaġa aktar straordinarja:

Il-mument tat-twelid tal-Feddej, kien mument intimu ħafna bejn l-Omm u l-Iben. Id-dawl idda u din id-dija ġiet trażmessa mill-omm. Dak il-ħin ħareġ minn ġuf Marija d-Divin, u dak il-ħin il-ġmiel tal-omm baqa' sieket u mistur fir-raġġi tad-dawl tat-Tarbija.

Ġużeppi ma kienx fl-istess post tat-twelid tat-tarbija, imma f'parti oħra tal-għar, imrekken u jikkontempla l-Misteru Divin, f'estasi li għalkemm ma rax b'għajnejh it-twelid imma immedita f'qalbu l-Misteru Divin. Ma ħarisx bl-għajnejn tal-ġisem imma bl-għajnejn tar-ruħ; estasi sublimi.

**Iżda min hu fil-verità, Ġużeppi?**
San Ġużepp mhuwiex karattru sekondarju jew xi ħadd li kien preżenti, imma raġel li għex il-misteru bi profondità kbira.

Luisa ma tgħidx li Ġużeppi fehem kollox, jew li Ġużeppi mexxa kollox, lanqas ma tgħid li Ġużeppi rranġa kollox, imma qalet li hu għamel xi ħaġa aktar profonda u b'saħħitha. Luisa tgħid li meta xi ħaġa misterjuża bdiet isseħħ, Ġużeppi kien hemm f'rokna, mixrub bl-istagħġib tal-misteru, josserva bl-għajnejn tar-ruħ. Dan huwa paternaliżmu fl-għola grad tiegħu. Din il-paternità tiegħu mhux għax kellu xi ħaġa minn tiegħu imma għax minn hemm beda jieħu ħsieb persuna li mhijiex tiegħu, mhux fl-istorbju imma b'fedeltà. Tajjeb li nirriflettu kemm il-missier illum jaħsibha bħal dan il-qaddis Ġużeppi? Kemm hawn ġenituri llum li jmexxu, dar, familja, xogħol, u jibqgħu hemm fis-skiet mingħajr ma jsemmu leħinhom xi ftit. Imma Ġużeppi hekk kien. Meta ħadd ma jċapċaplek, ħadd ma jinnota s-sagrifiċċji personali tiegħek, iżda mingħajek dik il-biċċa xogħol tispiċċa, jikrolla, ma sseħħx.



San Ġużepp huwa l-qaddis ta' dawn il-qlub moħbija, ta' dawk li ma jħobbux jippożaw fuq quddiem imma madankollu jagħmlu l-ħajja ta' ħaddieħor aktar imdawwla.

Hawn hu l-paradoss. Ġużeppi seta' ħarab 'l hemm. Seta' qal: "Din mhux biċċa xogħol tiegħi!", seta' pproteġa lilu nnifsu, imma minflok huwa baqa' hemm ma'

Marija u t-tarbija u mal-pjan ta' Alla li hu aċċetta li jservi.

Ġesù twieled, fqir, fraġli u espost għas-soċjetà. Iżda min ħejjielu t-triq għall-futur jekk mhux Ġużeppi? Dan hu dak li ggwida mingħajr ma kkmanda, li mexxa mingħajr ma impona, li ħabb mingħajr ma talab xejn lura.

**Imbagħad Luiza għażlet it-tieni xena.**
Tħarsux lejn dan il-lejl sempliċiment bħala ġrajja, imma bħala attitudni tal-qalb. Hija tgħid li rat lit-tarbija bil-ġenituri ħdejha jaduraw lit-tarbija u mixruba fil-misteru quddiemhom, wieħed kull naħa, u ġġiegħelek tidħol fil-grotta mhux bħala turist imma bħala dixxiplu.

Int f'liema karattru tassoċja ruħek, f'Marija li qed tadura, f'Ġużeppi li jibqa' ssummat u mistgħaġeb b'dan il-misteru, jew f'Luiza li tħossha ċkejkna quddiem dan kollu? Ipprova immaġina li int ukoll dieħel fil-grotta xxomm ir-riħa tat-tiben, il-kesħa tal-lejl u tosserva n-nifs tat-tarbija. Li għandek tagħmel hu biss li ma tagħmel xejn ħlief li tħalli lil Ġesù jħares lejk. Din hija l-vera adorazzjoni. Tipprova tħalli lil Alla jsibek aktar milli tipprova ssib kliem biex tlissen.

Marija u Ġużeppi b'fidi u b'telqa totali f'Alla jibqgħu quddiem dik it-tarbija jadurawha. Ħafna nies ma jsofrux għax m'għandhomx fidi imma għax iridu li l-fidi tikkontrolla kollox.

Ġużeppi kellu fidi li timxi fid-dlam u tibqa' hemm sieket, jemmen. Jekk illum int tinsab għajjien b'dak kollu li offrietlek il-ħajja, ħares lejn Ġużeppi. Titlobx ħajja bla problemi, imma ġrajja li meta jiġuha l-problemi ma taħrabx 'l hemm minnha. Ara ftit kemm hawn nies b'sitwazzjonijiet moħbija llum, b'solitudni, bi dwejjaq, li jidhru ferħanin fuq il-mejda iżda minn ġewwa, jinsabu mkissra u beżgħana; min tilef ix-xogħol, min jieħu ħsieb il-marid, min qed itella' lil uliedu waħdu. Dawn huma kollha Ġużeppi tal-lum li huma l-post fejn Ġesù jerġa' jagħżel li jitwieled fis-skiet.

Anki meta fil-ħajja tħossok fraġli u ma tiswa għal xejn għax ftit jagħtu kasek, Alla qed jipprovdilek lil xi ħadd biex tħobbu u biex tgħinnu.

San Ġużepp, int li rabbejt lil Ġesù mingħajr ma ppossedejtu, għallimni nibda nħobb bħalek. Int li pproteġejt lil Marija fis-skiet, ipproteġi lill-familja tiegħi. Int li dħalt fid-dalma tal-grotta mingħajr ma ħrabt 'l hemm, agħtini s-saħħa meta niġi f'sitwazzjonijiet ta' dlam. U fuq kollox meta nħossni li ma niswa għal xejn, fakkarni li Alla jsalva d-dinja permezz ta' dawk li ma jċaplulhomx.

---

# Il-Ġrajja tal-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa

***Kitba ta' George Agius***

F'kull parroċċa, b'mod partikolari f'dawk li l-bidu tagħhom imur lura bosta sekli, insibu armarji li jostru fihom teżor prezzjuż li mhux dejjem jingħata l-apprezzament li jistħoqqlu. Dan it-teżor mhu xejn għajr l-Arkivju Parrokkjali. Dan mhuwiex sempliċiment spazju fejn jinżammu għadd ta' manuskritti qodma, miktuba bl-idejn u li probabbilment il-linka tagħhom, maż-żmien, bdiet titlef mil-leġġibbiltà tagħha; iżda huwa post li jiġbor fih ġabra ta' dokumenti imprezzabbli. L-arkivji parrokkjali huma, b'mod simboliku, bħall-qalb tħabbat tal-memorja kollettiva: sors ta' għarfien, wirt u identità li jgħaqqad il-passat mal-preżent.

**l-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa[1]**
Ma jistax jonqos li l-Parroċċa tal-Belt Vittoriosa, li żżomm bħala patrun tagħha lil San Lawrenz Djaknu u Martri u li tradizzjonalment titqies bħala l-eqdem parroċċa f'Malta, wara l-Katidral tal-Imdina,[2] għandha arkivju li jikkonserva fih ġabra notevoli ta' volumi, dokumenti u reġistri ta' importanza. Fost dawn il-volumi prezzjużi, l-eqdem manuskritt miżmum fl-Arkivju Parrokkjali tal-Birgu jmur lura għas-sena 1558, jiġifieri madwar seba' snin qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565. F'dan il-volum insibu rreġistrati l-magħmudijiet, iż-żwiġijiet u l-imwiet li seħħew bejn l-1558 u l-1626.



Madankollu, l-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa huwa ferm aktar minn ġabra ta' reġistri tal-magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet. Fih hemm ikkonservati għadd kbir ta' manuskritti li xi wħud minnhom huma meqjusa bħala patrimonju nazzjonali, bħalma huma l-volumi li jiġbru fihom dokumenti li kienu jappartjenu lit-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni li kien jopera mill-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu.

Il-ġrajja ta' dan l-arkivju hija waħda ikkulurita u xi drabi turbolenti, għaliex matul is-sekli, kellu waqtiet ta' theddida serja għall-eżistenza tiegħu. Fost dawn insibu l-Assedju l-Kbir tal-1565, l-okkupazzjoni Franċiża lejn l-aħħar tas-seklu 18, u t-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-post li kien jospitah safa mġarraf.[3]

**Qerda Kbira**

Mal-medda tas-snin kienu bosta l-postijiet li laqgħu fihom l-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa. Iżda għall-ħabta tal-1877, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz iddeċieda li jwaqqa' l-Knisja ta' Santa Marija, li kienet maġenb il-bieb sekondarju tal-Knisja Parrokkjali, biex minflok tinbena l-Aula Capitularis jiġifieri is-sala fejn isiru il-laqgħat kapitulari.[4] Kollox jindika li meta l-bini tas-sala tlesta, l-Arkivju Parrokkjali ġie trasferit hemmhekk. Madankollu, madwar sittin sena wara, nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar 1941, waqt li l-Gżejjer Maltin esperjenzaw l-ewwel attakki mill-qawwa tal-ajru Ġermaniża li waslet hawn bil-għan li teqred l-aircraft carrier HMS Illustrious, li kien irmiġġat għat-tiswija f'Parlatorio Wharf, taħt Kordin. Il-biċċa l-kbira tal-bombi f'dawn l-attakki waqgħu fuq it-tliet ibliet u għamlu minnhom ħerba sħiħa.[5]

L-agħar traġedja f'dawn l-attakki seħħet fil-Birgu, fejn il-biċċa l-kbira ta' bejn tletin u erbgħin persuna li kienu qed ifittxu kenn fis-sagristija tal-Knisja ta' San Lawrenz mietu taħt id-debris, meta din, flimkien mal-Aula Capitularis, sfaw imġarrfa.[6]

Dan l-attakk devastanti kkawża ħsarat kbar lill-Arkivju Parrokkjali, kif ukoll it-telf ta' diversi teżori artistiċi u storiċi miżmuma b'għożża fl-Aula Capitularis u l-kumpless tas-sagristija. Sfortunatament ħafna manuskritti li kienu jagħmlu parti mill-arkivju sfaw mirduma taħt it-tiġrif u komplew iġarrbu ħsarat estensivi wara li xxarrbu bl-ilma tax-xita.[7] Fil-jiem ta' wara t-traġedja, uħud minn dawn id-dokumenti inġabru fl-ixkejjer, filwaqt li oħrajn, insterqu[8] jew ġew mormija. L-operazzjoni biex jiġu salvati dawn il-manuskritti flimkien ma' oġġetti prezzjużi oħra minn taħt id-debris tmexxiet mill-Kanonċi Dun Lawrenz Micallef u Dun Ġwann Marija Farrugia, bl-għajnuna ta' suldati mir-reġiment tal-Buffs u voluntiera oħra.[9]

**Id-Dekan Dun Anton Zammit Gabaretta**

Meta wara l-gwerra, l-Aula Capitularis nbniet mill-ġdid, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata alloka żewġ armarji ingastati fil-ħajt, simili għal dawk li kien hemm qabel, biex fihom jinżammu l-manuskritti u l-kotba li ġew salvati. Aktar tard il-Kanonku Dun Anton Zammit Gabaretta, li kien ukoll Assistent Librar fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, ġie nkarigat jieħu ħsieb l-organizzazzjoni u r-riabilitazzjoni tal-manuskritti salvati. Wara li ġabar mill-ġdid numru konsiderevoli ta' volumi u dokumenti, l-ispazju fiż-żewġ armarji ma baqax adekwat, għaldaqstant, il-Kavalier Domenico Azzopardi li kien benefattur kbir tal-Kolleġġjata u l-Kapitlu ta' San Lawrenz wara l-gwerra irregala lill-Kapitlu armarju artistiku biex fih jitqegħdu wħud mill-volumi.[10] Dan l-armarju flimkien mal-iskrivanija li tikkumplimentah, jingħad li kienu kkummissjonati mid-Duce Benito Mussolini, iżda allegatament ġew irrifjutati minnu ladarba tlestew. Din l-għamara kienet inxtrat minn Azzopardi nnifsu waqt irkant, ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.[11]

Fost il-volumi riabilitati mill-Kanonku Dekan Zammit Gabaretta tul is-snin sittin, sebgħin u l-bidu tas-snin tmenin tas-seklu għoxrin, insibu s-sensiela ta' volumi msejjħa Memorie Lanzon, dawk magħrufa bħala Status Animarum, dokumenti tal-Kapitlu, għadd ta' reġistri ta' diversi fratellanzi stabbiliti fil-parroċċa tal-Birgu, kif ukoll 14-il volum imsejjħa Sant Ufizzio Cartolaro, li jappartjenu lill-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta.

**Is-Sur Lorenzo Zahra**

Wara l-mewt tal-Kanonku Dun Anton Zammit Gabaretta fl-1986, l-Arċipriet tal-Birgu, il-Kanonku Dun Pawl Raggio, talab lis-Sur Lorenzo Zahra jekk jixtieqx ikompli fejn ħalla Dun Anton. Lorenzo aċċetta bil-qalb u ntefa' b'ruħu u ġismu biex ikompli jaqqgħad u jirrestawra aktar volumi.[12] Fost dawn, irnexxielu jikkompila tliet volumi oħra biex jiżdiedu mal-kollezzjoni tas-Sant Uffizio Cartolaro u b'hekk din il-kollezzjoni ġiet tikkonsisti fis-17 il-volum.

Fuq nota personali niftakar li meta kont żgħir ta' spiss kont imur ngħin lil Lorenzo waqt li kien ikun qed jaħdem fuq l-arkivju, billi nfarfar bil-pinzell it-trab minn fuq il-folji u xi drabi, b'attenzjoni kbira, kont ngħaddi l-karti mgħaffġa bil-ħadida tal-mogħdija biex ineħħilhom it-tikmix.

Lorenzo mhux biss ħadem fuq ir-riabilitazzjoni tal-arkivju, iżda ħoloq indiċi sistematiku tal-kotba u dokumenti kollha li jikkomprendi.[13]Huwa kien strumentali wkoll biex kompla jarrikkixxi dan l-arkivju b'għadd ta' dokumenti u kotba importanti li kienu jagħmlu parti mill-kollezzjoni personali tiegħu, fost dawn insibu l-manuskritt tal-viżta pastorali ta' Monsinjur Pietru Dusina, kotba msejjħa incunabula u post-incunabula, inċiżjonijiet u kollezzjoni vasta ta' Melitensia.[14] Nemmen li l-ħidma volontarja li Lorenzo wettaq fl-Arkivju



*L-armarju mgħoti mill-Kavalier Domenico*



*Viżitaturi jammiraw l-arkivju parrokkjali waqt l-open day*

Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa kienet strumentali biex, meta rtira mix-xogħol minħabba l-età, għal bosta snin ħadem ukoll bħala assistent arkivista fil-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana.

**Restawr u konservazzjoni**

Meta Lorenzo Zahra ma setax ikompli bil-ħidma tiegħu minħabba l-età, l-Arċipriet, il-Kanonku Dun Karm Busuttil, afda din ir-responsabbiltà f'idejja. Meta bdejt niffamiljarizza ruħi mal-arkivju wara li ġejt mgħoti din ir-responsabbiltà, innutajt li għalkemm parti mill-arkivju kienet ippreservata tajjeb, sezzjonijiet oħra kienu qed jiddeterjoraw minħabba t-trab, l-insetti u anke l-umdità.[15] Għaldaqstant, beda jinħass il-bżonn urġenti li dawn id-dokumenti storiċi jiġu salvagwardati u suġġetti għal trattament xjentifiku. Dan il-proċess beda bid-diżinfestazzjoni (Anoxia) u kompla b'trattament kontra l-umdità u tindif fil-laboratorji ta' PrevArti. Fl-istess waqt, iż-żewġ armarji ingastati fil-ħajt, kif ukoll l-armarju mogħti mis-Sur Domenico Azzopardi, ġew diżinfestati permezz ta' tagħmir sofistikat li nġieb apposta fuq il-post mill-istess kumpanija.[16]

Sabiex dan l-intervent tekniku seta' jsir possibbli, is-Soċjetà Storika u Kulturali tal-Belt Vittoriosa fittxet l-għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat permezz tal- iskema Small Initiatives Scheme. Wara t-tlestija tal-proċess tad-diżinfestazzjoni u tindif, id-dokumenti kollha ġew imqegħda mill-ġdid fl-armarji rispettivi.[17]

**L-Arkivju: Taqsimiet u kontenut**

Wara li tajna ħarsa ġenerali lejn il-ġrajja tal-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa, kif ukoll lejn il-proċess ta' riabilitazzjoni u restawr tiegħu, issa ser nagħti tagħrif konċiż dwar it-taqsimiet u l-kontenut tiegħu. Fil-preżent, l-Arkivju Parrokkjali huwa kkonservat f'erba' postijiet differenti: ir-repożitorju prinċipali jinsab fl-Aula Capitularis; ir-reġistri tal-magħmudijiet, iż-żwiġijiet u l-imwiet jinżammu fl-Uffiċċju Parrokkjali; diversi reġistri, folji u kotba oħra tqegħdu f'gwardarobba li tinsab f'kamra fi ħdan il-kumpless



*Waqt il-proċess tar-restawr*

tal-Knisja Parrokkjali;[18] u, fl-aħħar nett, l-Arkivju Lorenzo Zahra, li jinsab fis-sede tas-Soċjetà Storika u Kulturali li fih qed jinżammu diversi volumi, inċiżjonijiet, folji u kotba tal-melitensia.[19]

**Volumi tal-Inkwiżizzjoni**

Fost is-sezzjonijiet l-aktar sinifikanti li nsibu f'dan l-arkivju hemm il-kollezzjoni tas-17-il volum tal-Cartolaro. Dawn il-volumi huma marbuta mal-Inkwiżizzjoni li, bejn l-1571 u l-1798, mhux biss kellha l-palazz tagħha fil-Birgu, iżda għażlet ukoll il-knisja ta' San Lawrenz bħala l-knisja uffiċjali tad-Delegati Appostoliċi u Inkwiżituri. Is-sopravvivenza ta' dawn id-dokumenti oriġinali tal-Inkwiżizzjoni, miġbura fl-Arkivju Parrokkjali tal-Birgu taħt l-isem ġenerali ta' Cartolari, tirrappreżenta probabbilment waħda mill-aktar ġabriet estensivi tat-tip tagħha barra mill-arkivju prinċipali tal-inkwiżizzjoni f'Malta li jinsab fl-arkivju tal-Katidral fl-Imdina.[20]

Dawn il-volumi, flimkien, jinkludu aktar minn 6,500 folju u fihom mijiet ta' dokumenti separati li jkopru kważi l-perjodu kollu tal-preżenza tal-Inkwiżizzjoni f'dawn il-gżejjer, b'mod partikulari mit-tieni nofs tas-seklu sbatax 'il quddiem. Ma tista' tiġi identifikata l-ebda ordni loġika fil-mod kif il-materjal huwa miġbur, la bejn il-volumi u lanqas fi ħdan



*Ħsarat ikkawżati mill-kamla u l-umdità fuq xi volumi qabel ma' għaddew mill-intervent tad-diżifestazzjoni u tindif*




*Il-frotuspizju tal-Ktieb tal-Quddiesa ta' Palestrina*




*Wieħed mill-armarji li jiffurmaw parti mill-Arkivju Parrokkjali*

kull volum.

Il-maġġoranza tad-dokumenti jikkonsistu fi proċedimenti ċivili, li ħafna minnhom għadhom iżommu n-numru oriġinali tal-kawża, kif ukoll xi proċedimenti kriminali inkwiżitorjali. In-numerazzjoni oriġinali tippermetti referenzi u tqabbil mal-arkivju prinċipali li jinsab fl-Imdina. Materjal ieħor ta' importanza f'dawn il-volumi jinkludi korrispondenza oriġinali mill-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju f'Ruma lill-Inkwiżitur f'Malta, kif ukoll diversi dokumenti oħra ta' natura amministrattiva u ġuridika.[21]



Volum irrestawrat tas-Sant Uffizio Cartolaro

**Restawr tal-Cartolaro**

Dawn il-volumi li huma ikkonservati fl-Aula Capitularis, b'mod ġenerali, jinsabu f'kundizzjoni tajba, peress li kienu ġew irrestawrati lejn l-aħħar tas-snin sebgħin, tmenin u disgħin tas-seklu għoxrin. Minkejja dan, ġie nnotat li tliet volumi minnhom kienu jeħtieġu intervent imminenti ta' restawr mill-ġdid, peress li kellhom diversi ħsarat ikkawżati mill-insetti u mill-elementi.

Għaldaqstant, fl-2024, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Parroċċa, is-Soċjetà Storika u Kulturali tal-Belt Vittoriosa imbarkat fuq proġett għar-restawr ta' dawn it-tliet volumi. Minn dakinhar sal-lum, tlestew żewġ volumi li ġew restawrati mill-kumpanija Atelier del Restauro, bl-appoġġ finanzjarju ta' diversi entitajiet.[22] Il-pjan huwa li, meta jinstabu l-fondi meħtieġa, jintbagħat ukoll it-tielet volum u b'hekk l-ewwel fażi tal-proġett tkun lesta.

It-tieni fażi tal-proġett ser tkun tikkonsisti fil-legatura professjonali tal-kumplament, sabiex il-volumi kollha jkunu uniformi.[23]

**Reġistri Parrokkjali**

Sezzjoni oħra ta' importanza kbira hija dik tar-Reġistri tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet u Imwiet. Dawn ir-reġistri jipprovdu rendikont dettaljat tal-membri tal-komunità parrokkjali tul is-sekli, u joffru tagħrif ta' valur kbir kemm għar-riċerka storika kif ukoll għal dik ġenealoġika. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, xi reġistri tal-magħmudijiet u ż-żwiġijiet li jkopru l-perjodu bejn l-1866 u l-1936 sfaw parzjalment mitlufa jew ġarrbu ħsarat konsiderevoli, għalhekk kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu ikkupjati mill-ġdid fuq reġistri ġodda. Din it-taqsima tinżamm fl-Uffiċju Parrokkjali minħabba li tiġi ikkonsultata fil-ħruġ taċ-ċertifikati parrokkjali.[24]

**Acta Capitularis**

Wara li fl-1820 il-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata, l-Arkivju Parrokkjali beda jinkludi sezzjoni msejħa Acta Capitularia. Din is-sezzjoni li tinsab fl-Aula Capitularis tiġbor fiha d-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kapitlu tal-istess Kolleġġjata, kif ukoll dokumenti amministrattivi u funzjonali tal-Kapitlu Lawrenzjan.[25]



L-Appararat li jaħdem bit-teknoloġija tal-microwave waqt li kienu qed jiġu disinfestati l-armarji fl-Aula Capitularis



Delegazzjoni tal-HSBC Foundation iżżur il-volumi irestawrati



Membri tal-Kumitat tar-Rotary Club La Valette jippreżentaw volum irrestawrat tal-Cartolaro

**Memorie Lanzon**

Sezzjoni importanti oħra li nsibu fl-Aula Capitularis hija dik magħrufa bħala Memorie Lanzon. Din tikkonsisti f'għadd ta' volumi miktuba bl-idejn minn Don Lorenzo Lanzon, wild dehen tal-Belt Vittoriosa. F'dawn il-volumi nsibu ġabra kbira ta' informazzjoni dwar ġrajjiet il-Knisja f'Malta, b'mod partikolari dik tal-Belt Vittoriosa.[26] Huwa kiteb ukoll żewġ volumi oħra bl-isem Diario delle Feste, li jiġbru fihom rakkont dettaljat ta' diversi festi, ċerimonji u servizzi reliġjużi li kienu jsiru fil-Birgu,[27] kif ukoll f'postijiet oħra, mill-aħħar snin tas-seklu tmintax sal-ewwel snin tas-seklu dsatax.

**Kotba, Mużika, Inċiżjonijiet u Dokumenti**

Fid-diversi postijiet li jospitaw taqsimiet varji tal-Arkivju Parrokkjali ta' San Lawrenz insibu għadd ta' kotba stampati, li wħud minnhom jidħlu fil-kategorija tal-incunabula jew post-incunabula. Għadd ta' kotba antiki oħra ta' natura reliġjuża jew profana, fosthom testi xjentifiċi, trattati teoloġiċi, missalli, kotba tat-talb, omeliji u oħrajn. Hemm ukoll ġabra ta' partituri mużikali u antifonarji kemm stampati kif ukoll miktuba bl-idejn. Fost dawn, l-aktar li jolqot l-għajn huwa edizzjoni rari tal-ewwel ktieb tal-quddiesa tal-kompożitur Taljan Giovanni Pierluigi da Palestrina, ippubblikata f'Ruma fl-1572.[28]

Flimkien ma dawn, insibu wkoll għadd ta' dokumenti u reġistri finanzjarji ta' legati, magħrufa bħala adempidenze; reġistri tal-amministrazzjoni tal-knisja, magħrufa bħala veneranda lampada; reġistri ta' benefiċċji, imsejħa prebende; reġistri tal-knejjes filjali tal-Birgu; reġistri tal-fratellanzi, cabreo, volumi tal-istatus animarum kif ukoll kollezzjoni ta' inċiżjonijiet u dokumenti oħra.

**Konklużjoni**

Għalkemm il-ħidma fuq l-Arkivju Parrokkjali ma tieqaf qatt, peress li dejjem hemm il-ħtieġa ta' restawr u konservazzjoni, jista' jiġi affermat b'sodisfazzjon li tul l-aħħar tmenin sena sar ħafna xogħol biex din il-kollezzjoni prestiġjuża, li tappartjeni lill-Parroċċa tal-Birgu, tiġi ppreservata.

Dan l-Arkivju, illum, huwa disponibbli għar-riċerkaturi u joffri tieqa unika fuq l-istorja, il-fidi u l-ħajja ta' kuljum tal-komunità parrokkjali Vittoriosana. Dan huwa wkoll xhieda tad-dedikazzjoni u l-imħabba ta' ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Vittoriosani lejn il-Knisja Parrokkjali u l-qaddis patrun tagħhom, San Lawrenz.



*Viżitaturi fl-Aula Capitularis waqt Open Day biex in-nies ikunu jistgħu jżuru l-arkivju Parrokkjali mill-qrib*

Illum, dawn il-volumi miġbura fl-Arkivju Parrokkjali jikkostitwixxu għajn prezzjuża ta' tagħrif għall-istudjużi u r-riċerkaturi, għaliex, filwaqt li huma ppreservati, jinsabu aċċessibbli għal aktar skoperti fil-futur.

Noti u Referenzi

1 L-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa xi drabi jiġi riferut għalih bħala l-Arkivju tal-Kolleġġjata tal-Belt Vittoriosa. Fil-fatt, fuq it-timbru l-antik li kien jintuża fuq id-dokumenti nsibu l-kliem ARCH. COLL. CANONICORUM VICTORIOSAE. Dan jista' jagħti l-każ, għaliex sa ftit snin ilu wieħed jista' jgħid li kważi d-dokumenti kollha li jagħmlu parti mill-Arkivju kienu jinsabu fl-Aula Capitularis, bl-eċċezzjoni tas-sezzjoni tar-reġistri tas-Sagramenti. Illum, iżda, id-dokumenti huma kkonservati f'erba' postijiet differenti, kif ser naraw f'dan l-artiklu, u jiġbru fihom materjal varjat, fosthom volumi ta' fratellanzi u knejjes oħra ġewwa l-Birgu, kif ukoll volumi li jmorru lura għal żmien qabel it-twaqqif tal-Kolleġġjata. Għalhekk, f'din il-kitba ser nirreferi għalih bħala l-Arkivju Parrokkjali tal-Belt Vittoriosa.

2 Il-Parroċċa tal-Birgu tradizzjonalment hija meqjusa bħala l-ewwel waħda wara l-Katidral tal-Imdina. Fl-editt maħruġ nhar l-14 ta' Ottubru 1723, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Gaspar Gori Mancini, jikteb hekk:
"*Billi, wara l-Knisja Mqaddsa Katidral tagħna, fost il-knejjes kollha ta' din id-Djoċesi ta' Malta, tieħu l-ogħla post li jixraqilha, billi hija l-aktar antika, dik il-knisja taħt l-isem ta' San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa, …*"

3 L-Aula Capitularis, flimkien mas-sagristija tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, iġġarrfu nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941. Dakinhar l-arkivju safa mirdum taħt id-debris, bil-konsegwenza li xi dokumenti nqerdu jew insterqu, filwaqt li oħrajn ħelsuha ħafif, għalkemm ġarrbu ħsarat estensivi.

4 Giuseppe Porsella Flores, *Knejjes li ma għadhomx jidhru ġewwa l-Birgu, Santa Marija, 1*; Leħen is-Sewwa, 25 ta' Jannar 1930.

5 Minkejja x-xita ta' bombi mitfugħin mill-Luftwaffe, waħda biss irnexxielha tolqot lill-HMS Illustrious.

6 George Agius, *San Lawrenz: Maħbub u Meqjum fi Żmien il-Gwerra*, Print it, 2019, pp. 32-33.

7 G. Agius, *op. cit*., p. 37.

8 Hemm indikazzjonijiet ta' min joqgħod fuqhom li l-volumi tan-Notizie ta' Don Luca Rosso, li għal żmien twil konna naħsbu li ntilfu, llum jinsabu ppreservati f'arkivju fir-Renju Unit.

9 Lorenzo Zahra, *Ir-Riabilitazzjoni tal-Arkivju Kapitolari ta' San Lawrenz, Vittoriosa*, 2003. Dan l-artiklu jinsab fil-kollezzjoni ta' kitbiet ta' Lorenzo miżmuma fl-Arkivju Lorenzo Zahra tas-Soċjetà Storiko u Kulturali Vittoriosa.

10 Anthony Zammit Gabarretta, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, p. 70.

11 L. Zahra, op. cit. Ftit tas-snin ilu, waqt li kont fl-uffiċċju tas-Sindku ta' Amaseno fl-Italja, innotajt li l-għamara li hemm hemmhekk hija identika għal dik mogħtija mis-Sur Domink Azzopardi, bl-eċċezzjoni li fiha numru akbar ta' bibien.

12 Ibid.

13 Dan l-indiċi jinsab fil-kollezzjoni ta' kitbiet ta' Lorenzo miżmuma fl-Arkivju Lorenzo Zahra tas-Soċjetà Storiko u Kulturali Vittoriosa.

14 L. Zahra, op. cit.

15 Instabu għadd ta' dokumenti fl-uffiċju parrokkjali li kienu f'kundizzjoni ħażina ħafna minħabba l-umdità u l-kamla. Il-kamla kienet qed tagħmel ħerba wkoll f'xi wħud mid-dokumenti miżmuma fl-Aula Capitularis.

16 It-teknoloġija Mobile Microwave hi l-aktar waħda innovattiva li hi maħsuba għad-diżinfestazzjoni ta' oġġetti tal-injam li ma jistgħux jinġarru minn posthom. Dan l-apparat jintuża biex tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-pesti bijoloġiċi permezz tal-microwaves.



*Id-Direttur ta' Radju Calypso waqt l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Antifonarju tas-seklu 18*

17 Dan il-proġett twettaq fl-2024.

18 Din il-gwardarobba tinsab fil-kamra laterali tal-lemin tal-intrata (salott) li twassal għas-sagristija.

19 L-Arkivju Lorenzo Zahra ġie inawgurat fl-2021. Fost l-oħrajn, dan jinkludi kollezzjoni estensiva ta' kitba, riċerka u memorabilia marbuta mal-Birgu u ma' San Lawrenz, miġbura jew miktuba minn Lorenzo Zahra li għalih huwa msemmi dan l-Arkivju.

20 Ammont konsiderevoli ta' korrispondenza mibgħuta lis-Sant'Uffizzju mill-Inkwiżituri li mexxew it-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni f'Malta llum tinsab fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan.

21 Għal aktar tagħrif, ara l-paper ta' William Zammit bl-isem *Records of the Roman Inquisition in Malta in the Vittoriosa Collegiate Archive: A Preliminary Survey*.

22 L-ispejjeż biex ġew irrestawrati l-ewwel żewġ volumi tħallsu kif ġej: Volum wieħed mill-Rotary Club Malta La Valette, u l-volum l-ieħor b'kollaborazzjoni bejn il-Farsons Foundation u l-HSBC Foundation.

23 Minħabba li tliet volumi, li kellhom l-aktar ħsara, saritilhom qoxra u legatura ġdida b'materjali li jaqblu aktar mal-perjodu li fih inkitbu dawn il-manuskritti, kif ukoll saritilhom kaxxa protettiva, hemm il-ħsieb li l-erbatax-il volum l-ieħor isirilhom qoxra ġdida u kaxxa protettiva, sabiex is-sbatax-il volum ikunu uniformi.

24 Din it-taqsima tikkonsisti f'erba' taqsimiet: ir-Reġistri tal-Magħmudija, ir-Reġistri taż-Żwiġijiet, ir-Reġistri tal-Imwiet, u ftit reġistri tal-Griżma tal-Isqof. Fl-ewwel snin tas-seklu 21, Anthony Pule ħejja spreadsheets li fihom ikkumpila l-indiċi kompjuterizzati ta' dawn ir-reġistri, filwaqt li ritratti ta' kull paġna tagħhom ġew maħżuna fuq DVD.

25 Il-minuti tad-deliberazzjonijiet kapitulari, sa ftit għexieren ta' snin ilu, kienu jinkitbu bil-Latin.

26 Il-kollezzjoni Memorie Lanzon hija ffurmata minn tmien volumi, li tnejn minnhom, is-6 u l-8, huma maqsuma f'żewġ partijiet; għalhekk, b'kollox din is-sensiela tinkludi għaxar kotba.

27 Il-maġġoranza tal-avvenimenti li kiteb fuqhom Lanzon ġraw fil-Knisja ta' San Lawrenz jew fil-Birgu, iżda hemm oħrajn li ġraw f'postijiet oħra.

28 Meta tiftaħ il-volum, l-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn hija inċiżjoni b'disinji elaborati ta' strumenti mużikali u figuri allegoriċi li jdawwru ix-xbieha tal-Papa Ġulju III waqt li kien qed jiġi ppreżentat bil-ktieb tal-quddies minn Palestrina nnifsu fl-1554. Dan il-ktieb hu deskritt bħala edizzjoni rari ħafna. Fis-snin ta' qabel il-gwerra kien ġie msewwi u llegat mill-ġdid fuq l-inizzjattiva tal-Kanonku Dun Gian Mari Farrugia. Minkejja li ntradam fil-gwerra meta ġġarrfet l-Awla Kapitulari, illum jinsab f'kundizzjoni tajba ħafna.

---

# Louis Vierne

*Kitba ta' Christopher Pisani*

Għaddiet sena u bdiet oħra. Kull sena jkollha l-isfidi tagħha, l-esperjenzi li jsawru l-karattru tal-bniedem u jibnuh f'karattru iktar sod. Is-sena 2025, kienet sena ta' sfida għall-familja tagħna. Bdejna f'Ġunju, b'missieri jkollu inċident sfortunat u li seta' ġie evitat. F'Novembru tlifna lill-għażiż nannu Giovann Pisani, maħbub minn bosta, mużikant, u raġel tal-familja. Mewta mhux familjari, iżda li ħalliet impatt kienet dik tas-Surmast Paul Schembri, persuna li ħdimt miegħu, u li nammira mużikalment. Giovann u Paul kienu ħbieb, is-Surmast u l-Arkivist, qisu ma riedux jinfirdu, Giovann miet fit-2 ta' Novembru, u Paul miet fid-9 ta' Novembru, eżatt ġimgħa wara.

Grazzi Mulej li kont ma' missieri!

Is-sliem Nann!

Is-sliem surmast!





Ngħaddu għall-kompożitur ta' din il-ħarġa. Louis Vierne, organista Franċiż li minkejja d-diffikultajiet li sab ruħu fihom, xorta qatt ma' qata' qalbu.

Vierne twieled f'Poitiers fit-8 ta' Ottubru tal-1870. Missieru, Henri-Alfred Vierne kien għalliem u ġurnalist, li aktar tard sar ukoll l-editur tal-ġurnal *Journal de la Vienne*. Dan ix-xogħol laqqgħu mal-mara tiegħu Marie-Josephine Gervaz, li wara li żżewġu, kellhom flimkien erbat itfal. Louis, twieled kważi għami, b'dik li jsejħulha *congenital cataracts*. Jidher li ta' età żgħira, fejn il-vista kienet nieqsa, l-udit kien ferm attiv. Ta' sentejn sema' l-pjanu għand il-ġar tiegħu, u malli semgħu, Louis mar u beda jfittex in-noti li sema' fuq il-pjanu. Fl-1873, missieru mar jaħdem Pariġi mal-ġurnal *Paris-Journal*, b'hekk, il-familja kollha marret Pariġi. Ta' sitt snin, Louis għamel operazzjoni f'għajnejh it-tnejn u b'hekk seta' jagħraf oġġetti, persuni, u ittri kbar. Ġewwa Lille, Louis beda jitgħallem il-pjanu ma' Madame Gosset, fejn b'paċenzja kbira kienet tikteb il-mużika fuq linji wesgħin u kbar sabiex ikun jista jarahom.

Fl-1880, missieru ħadem ma' diversi ġurnali u għaldaqstant, Louis kompla l-istudji mużikali. Kompla jistudja l-pjanu ma' Louis Specht, għalliem nieqes mid-dawl li kien jgħallem fl-istitut *Institut National des Jeunes Aveugles* (istitut nazzjonali għaż-żgħażagħ neqsin mid-dawl). Louis, ġie aċċettat formalment fl-istitut fl-1881, fejn fuq rakkomandazzjoni ta' Cesar Franck, organista u kompożitur prim, Louis kellu jistudja l-orgni. Louis kienet ix-xewqa tiegħu li jistudja l-orgni, speċjalment wara li sema' lil Franck stess

idoqq l-orgni u impressjonah. Beda bl-istudji tiegħu tal-orgni taħt Louis Lebel u Adolphe Marty. L-armonija kienet b'mod privat ma' Franck ġewwa l-konservatorju ta' Pariġi, sakemm beda uffiċċjalment fil-konservatorju fl-1890. Fl-istess sena li ġie aċċettat, Franck miet u għalhekk, Charles-Marie Widor ħa postu. Ta' min jgħid li s-suċċessjoni minn Franck għal Widor, kienet minn organista u kompożitur prim, għal ieħor! Meta fid-dinja mużikali speċjalment dik tal-orgni, issemmi Franck u Widor, qiegħed issemmi tnejn mill-aktar kompożituri prolifiċi ta' kull żmien. Intant, fl-1894, Louis rebaħ l-ewwel premju fid-daqq tal-orgni ġewwa l-konservatorju ta' Pariġi, u b'hekk laħaq assistent ta' Widor u Alexander Guilmant, kemm fil-klassi, kif ukoll fil-knisja ta' Saint-Sulpice.

Ta' min jgħid li kien f'dan iż-żmien fejn Louis iltaqa' ma' Berthe Arlette Taskin, kantanta contralto u t-tifla tal-baritonu Emile-Alexandre Taskin. Fl-20 ta' April tal-1899 dawn iżżewġu ġewwa l-knisja ta' Saint-Sulpice. Dakinhar, Widor kien l-organista waqt il-quddiesa taż-żwieġ. Sena wara, Louis u Berthe, tweldilhom Jacques nhar is-6 ta' Marzu 1900.

Fil-21 ta' Mejju tal-1900, Louis rebaħ kompetizzjoni għall-post ta' organista titulari ġewwa l-katidral ta' *Notre-Dame de Paris*. Fil-11 ta' Settembru tal-istess sena, hu ta' kunċert flimkien ma' martu bħala parti mill-fiera internazzjonali *Exposition Universelle*. Però, kien hemm intopp żgħir. Għalkemm organista ta' katidral prominenti, l-orgni ma kienx f'pożizzjoni li jindaqq sew. Allura, Louis kien mar jagħmel tour ta' mużika fuq l-orgni ġewwa l-Amerika biex jiġbor fondi għat-tiswija tal-orgni ta' *Notre-Dame*. Għalkemm ġabar ħafna flus, it-tour kien eżawrenti fuq saħħtu.

Fil-25 ta' Marzu tal-1902, mietet ommu, u għalhekk irriloka ġo akkomodazzjoni akbar ġewwa *Rue ses Saints-Peres*. Hawn, twieldu t-tieni u t-tielet wild tiegħu, Andrè fis-6 ta' Marzu tal-1903, u Collette fil-5 ta' Jannar tal-1907. Però, fl-1906, Louis kien involut f'inċident f'din l-istess triq, li fih kiser saqajh b'mod ikrah, tant li bdew jaħsbu biex jagħmlulu amputazzjoni. Jidher li b'xi mod, salvawlu saqajh, u dam sitt xhur biex reġa' dara jdoqq l-orgni. Ftit taż-żmien wara, jidher li l-maltemp kien għadu jdur fuq Louis, tant li fl-4 ta' Awwissu tal-1909, irnexxielu jġib id-divorzju fuq infedeltà minn naħa ta' martu. Jidher li hi żammet il-kustodja ta' Andre u Collette, filwaqt li Louis żamm ta' Jacques.

Rigward xogħol, Louis kien jgħallem u anke assistent għalliem, fil-konservatorju fejn jidħol tagħlim fuq l-orgni. Uħud mill-istudenti tiegħu kienu Nadia Boulanger, Marcel Dupre, u Henri Mulet. Wara Guilmant, kulħadd kien qed jistenna li jilħaq hu bħala għalliem prinċipali tal-orgni, iżda mhux kulħadd kien tal-istess fehma. Infatti, flok Guilmant, laħaq Eugene Gigout, u wara Gigout, laħaq Dupre. Louis beda jgħallem ukoll fl-iskola tal-mużika *Schola Cantorum* fl-1912. Sena wara, fl-1913, Louis kien rikonoxxut b'żewġ midalji mis-*Salon des musiciens*. Iktar tard, fl-1931, il-Gvern Franċiż iddekorah bħala kavallier, *Chevalier de la Legion d'honneur*.

Meta faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija fl-1914, fuq xewqa ta' ibnu Jacques, Louis iffirma il-karti neċessarji biex ikun jista' jidħol fil-militar peress li kien għadu taħt l-età. Ftit wara, Louis kellu jmur l-Isvizzera biex jagħmel operazzjoni tal-glawkoma. Din il-vista ġewwa l-Isvizzera kienet pjanat li tieħu erba' xhur, però ħadet erba' snin. Lura fi Franza, Louis sab li ibnu kien miet fl-14 ta' Novembru b'suwiċidju, u fid-29 ta' Mejju tal-1918, ħuh Renè kien miet fil-gwerra. Louis kien ikkompona *Piano Quintet* ad unur ibnu, u *Solitude* (poema għall-pjanu) lil ħuh Renè.

Fl-1920, Louis mar lura Pariġi, fejn ftit taż-żmien wara iltaqa' ma' Madeleine Richepin, kantanta żgħażugħa li serqet qalb Louis. Louis, minn naħa tiegħu, kiteb numru ta' kanzunetti, *Poeme d'amour*, li kienu sikwit idoqqu u jkantaw flimkien għall-pubbliku. F'Ġunju tal-1922, Louis għamel numru ta' tours flimkien ma' Madeleine ġewwa l-Isvizzera, l-Italja, u l-Ġermanja. Fl-1924, kompla bit-tours mużikali tiegħu ġewwa l-Ingilterra, l-Iskozja, Lyon, u Brussell. Fl-1927, għal darb'oħra ma' Madeleine, mar fuq tour ġewwa l-Istati Uniti li dam tliet xhur. Sena wara, fil-kastell *Angers*, fejn qatta s-sajf mal-maħbuba l-ġdida tiegħu Madeleine, ikkompona *Les Angelus*, għamel arranġament orkestrali għall-*Poeme d'amour*, kif ukoll beda x-xogħol fuq id-drama lyrica *Antigone*.

Louis miet nhar it-2 ta' Ġunju 1937 waqt l-1750 kunċert tiegħu fuq l-orgni. Miet kif xtaq, waqt li kien qed jagħmel dak li l-iktar iħobb, idoqq l-orgni. In-nies preżenti kollha kellhom kelma waħda, li dakinhar, Louis kien qed idoqq b'mod fenomenali. Qabel ma' beda l-aħħar żewġ siltiet, improviżazzjoni fuq tema mużikali, fetaħ ir-reġistri u fil-pront intelaq 'il quddiem, u ntilef minn sensih filwaqt li saqajh niżlet fuq il-pedala tan-nota 'Mi'. Ħdejh kien hemm l-organista Maurice Durufle li mill-ewwel ipprova jagħti l-ewwel għajnuna li iżda kien kollu ta' xejn.

Mużikalment, Louis Vierne huwa mfittex l-iktar għas-siltiet fuq l-orgni. Sitt Sinfoniji għall-orgni, *24 Fantasy Pieces*, u numru ta' sonati, quintet u Sinfonija orkestrali in *La Minore* huma kompożizzjonijiet li jarrikkixxu l-arkivju ta' kompożitur li kif diġà għedna, għamel li seta' minkejja d-disfatti li ffaċċja.

Din il-ħarġa, ser tkun il-ħarġa li tibda s-sena 2026 għal din in-newsletter, kif ukoll il-ħarġa li twassalna għat-Tridu qaddis tal-Għid. Għaldaqstant, nixtieq nawgura l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd!

# Wiċċ Imbwiċċ ma' Ilona Callus

*minn Paul Micallef*

Għal din l-edizzjoni tan-newsletter tagħna se nitfgħu ħarsitna lejn persuna li, għalkemm mhix mill-Birgu, però skont iċ-ċirkustanzi tal-ħajja tagħha, kif se naraw 'il quddiem, illum saret parti integrali sew mill-komunità Vittoriosana. Iżda hi ma waqfitx hemm u, naturalment minħabba raġunijiet oħra, illum hija parti mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà tagħna, tant li tokkupa l-kariga importanti u kruċjali ta' Kaxxiera. Din mhi ħadd ħlief Ilona Callus, li tiġi l-mara tal-President tal-Każin tagħna, Bjorn.

**Għeruq Qormin**

Ilona twieldet fl-10 ta' Marzu 1988 fl-Isptar San Luqa u għandha ħuha ieħor ħames snin iżgħar minnha. Hija mgħammda fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, fejn trabbiet, attendiet il-Mużew, u għamlet l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.
Meta staqsejtha għaliex ġiet imsemmija bl-isem modern li għandha, Ilona ma kinitx taf twieġeb.

**Edukazzjoni**

Bħala tagħlim hija attendiet l-iskola Santa Monika tul il-primarja u s-sekondarja. Hija kompliet l-istudji tagħha fl-edukazzjoni terzjarja fl-Università u gradwat bħala Pharmacy Technician u, aktar tard, bħala Bachelor of Science (Hons) fil-Human Resources Management.
Għal diversi snin ipprattikat il-professjoni tagħha relatata mal-farmaċija fis-settur tas-saħħa, settur għal qalbha mmens. Iżda aktar 'il quddiem biddlet il-karriera tagħha biex tiffoka aktar fuq il-management. Flimkien ma' Bjorn hija ħadmet ġewwa r-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fi Brussell, fejn kienet tikkoordina diversi proċessi amministrattivi u maniġerjali. Fuq nota personali, meta jien ġieli kont nitla' Brussell għal xi konferenza marbuta max-xogħol tiegħi tal-Union, ġieli doqt l-ospitalità u d-disponibbiltà tal-koppja Ilona u Bjorn. Tant li ġieli ltqajt magħhom, anki ġew għalija l-ajruport, kilt għandhom u anki wassluni l-lukanda fejn kont alloġġjat.






Niftakar meta kont staqsejt lil Doris, omm Bjorn, x'intella' miegħi u bla tlaqliq kienet qaltli li l-aktar li kienu jħossu n-nuqqas kienet ftira Maltija tqarmeċ bl-ingredjenti taż-żejt u jien proprju hekk kont nagħmel.
Meta hi u Bjorn irritornaw Malta, hija okkupat diversi rwoli fis-Servizz Pubbliku, fosthom ta' Assistent Direttur, Direttur tar-Riżorsi Umani, u attwalment Direttur Ġenerali.

**Ilona u l-Birgu**

Ilona ltaqgħet ma' dak li kellu jkun żewġha, Bjorn, l-iskola u minn meta bdew joħorġu flimkien aktar minn għoxrin sena ilu bdiet tiffrekwenta l-Birgu. Hekk mhux biss bdiet tinnamra ma' Bjorn, iżda wkoll ma' dak li kellu għal qalbu; jiġifieri l-Birgu, il-Każin, il-Banda, il-festa u nsomma dak kollu li jaqa' taħt l-umbrella Vittoriosana u Lawrenzjana.
Huma żżewġu fl-10 ta' Awwissu 2015 (donnu din id-data iddoqqli xi ħaġa u ġieli smajtha!), iżda r-riċeviment kien sar ġranet wara, tant li jiena u marti konna mistiedna. Kienet l-ewwel u probabbilment l-aħħar darba li lbist il-coat tat-tieġ għax kien parti mid-dress code rikjest.
Imbagħad, biex tkompli tgħaqqad ir-relazzjoni tagħha mal-Birgu kompliet tissaħħaħ, Dan għaliex meta żżewġu ġew joqogħdu l-Birgu, eżattament fi Triq La Valette, fejn għadhom joqogħdu hemm sal-lum. Li tgħix fil-Birgu stess huwa element importanti ħafna għal persuni li bħal Ilona u Bjorn huma attivi b'mod intensiv f'kumitat ta' għaqda fil-Birgu. Dan jiffaċilita ferm l-impenn tagħhom, kemm għal raġunijiet prattiċi kif ukoll loġistiċi, speċjalment meta wieħed iqis il-problema kbira tal-parkeġġ li jiffaċċjaw dawk li joqogħdu barra l-Birgu u xorta jiġu jagħtu s-sehem volontarju tagħhom fil-Belt.

**Ilona u l-Każin**

Ilona, li sa minn ċkunitha u anke minn żmien l-iskola dejjem kienet attiva f'kumitati u għaqdiet diversi, ma naqsitx ukoll li tul dawn is-snin tkun involuta fis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz.
Bdiet attiva billi kienet tieħu ħsieb materjal relatat mad-disinn ta' materjal konness mas-Soċjetà bħal posters, inviti u flokkijiet tal-festa, u eventwalment ukoll ta' diversi għaqdiet tal-festa u oħrajn fil-Birgu, dejjem b'mod volontarju.

Eventwalment bdiet ukoll tgħin f'diversi aspetti marbuta mal-Banda u l-Każin, u llum, kif diġà semmejna, saħansitra tokkupa r-rwol tant importanti ta' Kaxxiera tas-Soċjetà.

**Delizzji u preferenzi**

Ilona, sa minn meta kienet tifla, dejjem kienet tħobb ħafna s-safar, kemm fl-Ewropa u anke barra mill-Ewropa. Tħobb tesplora pajjiżi, kulturi u kċejjen differenti madwar id-dinja.

Hija tikkunsidra Pariġi bħala l-isbaħ belt għax hija belt maestuża u mżejna b'kollox. Għaliha però d-destinazzjonijiet favoriti tagħha huma qalb in-natura, fl-Alpi, l-Asja jew il-Karibew.

L-ikel preferut dejjem jibqa' l-laħam. Kull tip ta' laħam, imma l-aktar iċ-ċanga. Hija tħobb idduq ikel minn madwar id-dinja u titgħallem dwar il-kċejjen diversi.

Bħala films tħobb l-aktar dawk relatati mal-investigazzjonijiet kriminali u mediċi, u anke dawk ta' azzjoni u evidenza biex isolvu xi misteru. Issegwi ħafna wkoll programmi relatati mal-arkitettura u interior design għax hija xi ħaġa li tieħu gost tagħmel fid-dar tagħha, ta' ħbieb jew qraba meta jkun hemm bżonn.

**Is-soltu domandi**

Id-drawwa tiegħi li issa ndrat sew hija li nistaqsi opinjoni dwar tliet temi: il-Birgu, il-festa ta' San Lawrenz u s-Soċjetà tagħna. Dan hu dak li wieġbet sinċerament Ilona.

Bla dubju, il-Każin, il-Banda u l-festa ta' San Lawrenz huma parti integrali mill-ħajja ta' Ilona. Mis-snin li għamlet takkumpanja lil Bjorn fis-servizz tal-Banda ma' diversi baned madwar Malta, hija tħoss li tista' tqis il-Banda tal-Birgu fost l-ogħla fejn jidħol livell, organizzazzjoni u serjetà.

Bħala persuna li ġiet minn barra l-Birgu, il-festa ta' San Lawrenz dejjem ikkunsidratha bħala waħda kompluta, fejn il-Birgu jinbidel f'belt li ssaħħrek matul il-ġranet tal-festa, u li minkejja ċ-ċokon tagħha, isiru festi ta' livell għoli ħafna, ikkumparat anke ma' festi ferm akbar.

Tikkunsidra l-Birgu bħala belt unika u ħajja f'kull żmien tas-sena, u belt ixxurtjata li hija mimlija b'nies ta' talenti diversi, minkejja ċ-ċokon tagħha.

**Osservazzjonijiet**

Kumment aħħari marbut ma' dak li sirna nafu dwar Ilona huwa kemm hu importanti li anki persuni li forsi oriġinarjament ma jkunux la twieldu u lanqas trabbew il-Birgu, iżda biċ-ċirkustanzi tal-ħajja jispiċċaw f'beltna, dawn għandhom jintegraw mal-komunità tagħna.

U anke, kif għamlet Ilona, imorru pass aktar 'il quddiem u jieħdu sehem attiv f'xi għaqda volontarja tal-Birgu, speċjalment dawk taħt il-kappa Lawrenzjana.

Bl-eżodu kontinwu u qawwi ta' nies u familji oriġinarjament mill-Birgu biex imorru joqogħdu post ieħor, u bid-djar jimtlew minn nies barranin li ftit li xejn għandhom idea dwar id-drawwiet u l-użanzi tagħna u kważi ħadd minnhom ma jinvolvi ruħu soċjalment, qed jinħoloq vojt kbir fl-għalqa bażika tal-volontarjat. F'ġurnata taħraq tas-sajf li jkun hemm persuna ħabrieka u kapaċi bħal Ilona hija bħal fjura friska tfewwaħ li ttaffi ftit minn dan il-vojt perikoluż.

Osservanza oħra hija li Ilona, minkejja li hija mara, ma baqgħetx lura fl-involviment fil-Każin u ma baqgħetx ristretta għar-rwoli "tradizzjonali" tan-nisa li jorganizzaw ikliet, coffee mornings, afternoon teas u jbigħu l-biljetti biss, iżda kissret il-barrieri u anki assumiet karigi, fosthom dik preżenti ta' Kaxxiera, li forsi tul is-snin kienu jiġu okkupati mill-irġiel.

**Għeluq**

B'dak kollu li sirna nafu permezz ta' din l-informazzjoni nistgħu nikkonfermaw dak li jingħad li wara kull raġel ta' suċċess ikun hemm mara, u din tgħodd ukoll bil-maqlub, għax anki wara mara ta' suċċess hemm raġel. Din l-istqarrija żgur li toqgħod perfettament għall-koppja Ilona u Bjorn.

Għalhekk, Ilona, nitfagħlek bl-Ingliż "keep it up" u, minbarra naturalment l-appoġġ siewi lil żewġek Bjorn fil-karigi importanti li jokkupa kemm fil-Każin u kemm fix-xogħol tiegħu, kompli aħdem b'risq is-Soċjetà li tant inħobbu biex insaħħuha fil-livell mixtieq u għoli li dejjem kienet.

Prosit Ilona!

## ARBULAR FRAR 2026

Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz minn din is-sena ser tibda tieħu ħsieb l-ispejjeż kollha relatati mas-servizzi tal-Festa.
Sas-sena 2025 is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz kienet tagħti s-servizzi tas-7, 8 , 9 u 10 t'Awwissu mingħajr ebda ħlas.
Il-marċi tal-31 ta' Lulju u l-11 t'Awwissu, is-Soċjetà kienet titħallas skont in-nefqa.
Minn din is-sena dawn is-servizzi ser ikunu wkoll qed isiru mingħajr ħlas biex b'hekk is-sitt servizzi huma kollha mingħajr ebda ħlas. Dan huwa piż ieħor finanzjarju fuq il-każin imma nemmnu li bħalma dejjem konna aħna parti integrali mill-festa, b'din id-deċiżjoni qegħdin nkomplu ngħinu aktar lill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.
Bħalma nemmnu wkoll li meta nduru fuqkom dejjem insibu l-għajnuna tagħkom, hu għalhekk li f'nofs is-sena qed isir Arbular biex intaffu ftit minn dawn l-ispejjeż kbar.
Tista' tibgħat id-donazzjoni tiegħek permezz ta' BOV Mobile Pay jew Revolut fuq 99428597, jew nkella permezz ta' Transfer fuq:
IBAN MT14VALL22013000000040025729591 u BIC Code VALLMTMT.
Grazzi bħal dejjem tal-għajnuna tagħkom.



VASSALLO MARBLE AND GRANITE
'ARZELLA', TRIQ L-1 TA' JANNAR 1626, ĦAL GĦAXAQ
M: 7920 4366 / 9949 2601 WWW.VASSALLOMARBLE.COM

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*

HANSA

MALTA'S LARGEST SELCTION OF

*wines & spirits*

hansa.com.mt order now



*OUTSTANDING* VALUE ✦ *WIDE* SELECTION ✦ *EXCEPTIONAL* SERVICE

OPENING HOURS
Monday to Saturday 9 a.m to 7 p.m

Hansa Wines & Spirits Ltd.
29, Barnaba Street, Bugibba SPB1312 Malta

T: +356 2158 1111
E: info@hansa.com.mt

HansaMalta
hansa_malta



BOV PERSONAL LOANS

THE CHOICE
**IS ALWAYS YOURS**

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).




SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883